MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 80/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Tracey Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, nhar it-8 ta’ Lulju, 2009, il-11 ta’ Lulju, 2009, il-15 ta’ Lulju, 2009, it-18 ta’ Lulju, 2009, it-22 ta’ Lulju, 2009, il-25 ta’ Lulju, 2009 u d-29 ta’ Lulju, 2009, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex taghti access lil Joseph Cassar ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Frar, 2010, li biha, wara

li rat l-artikoli 18 u 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja u ghaldaqstant ikkundannataha xahar prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 ta' Frar, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, w tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija w piena skond il-ligi. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar gusta w ekwa fic-cirkostanzi ferm partikolari tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-

1. Illi dan huwa kaz partikolarissimu jekk mhux ukoll uniku. Hawn non si tratta ta' omm li qeghda tirrifjuta, in mala fede, li tiehu lil uliedha ghall-access ma' missierhom. Hawn si tratta ta' tfal minuri b'diffikultajiet fil-personalita' taghhom li jirrezistu l-access b'mod vjolenti u perikoluz. Huwa immensament preokkupanti l-fatt li tifel ta' ghaxar snin jghid li jrid imut jew jikkommetti suwicidju biex ma jarax lil missieru, u li jibda jhabbat rasu mal-htian u mal-bibien tal-hgieg kull meta jkollu l-access mal-missier, filwaqt li t-tifla minuri ta' tmien snin tirrezisti b'mod mill-aktar animal li tmur ma' missierha.

Tant hija preokkupanti s-sitwazzjoni li sahansitra l-Agenzija Appogg fl-24 ta' Lulju, 2009 ipprezentat Nota fil-Qorti tal-Familja fejn sahqet : "*illi f'dan l-istadju in vista ta' dawn id-diffikultajiet u tal-hsara emozzjonali li tista' qed issir lill- minuri kkoncernati, l-Appogg tirrakkomanda bir-rispett li l-minuri ghandhom jinghataw terapija psikoterapewtika b'mod urgenti*"

Kien biss fl-1 ta' Dicembru, 2009 li l-Qorti tal-Familja nnominat psikologa biex tezamina lill-minuri. Di piu, sad-data li fiha qed jinkiteb dan l-appell din il- psikologa

ghadha ma ghamlet ebda kuntatt ma' l-appellanti biex tara lill- minuri.

Illi l-appellanti tant li ghamlet ma ghamlitux in mala fede u tant trid tikkopera ma' Joseph Cassar, u tant jinteressaha l-gid tal-minuri li minn jeddha stess u minn flusha – minkejja d-diffikultajiet finanzjari li ghandha – qabdet child psychologist privatament biex din tibda tikkura lit-tfal qabel ma jkun tard wisq. Din il-psikologa baghtet ghal Joseph Cassar, missier il-minuri, biex tkellmu pero' dan irrifjuta li jmur.

Dan kollu qieghed jinghad in sostenn tal-fatt li kif gie rilevat f'dan ir-rikors, dan il-kaz huwa partikolarissmu jekk mhux ukoll uniku. Huwa inkontestat li l- minuri, a kwalunkwe kost, ma jridux jaraw lil missierhom. Huwa ukoll inkontestat li l-minuri ghandhom bzonn ghajnuna psikologika b'mod urgenti. L-appellanti, minn naha taghha qeghda tipprova tikkopera bis-shih sabiex din il-problema tirrisolvi ruhha fl-interess primarju ta' l-istess minuri, pero' b'dispjacir jinghad li s-sur Cassar mhux jikkopera. Huwa jaf perfettament li t- tfal ma jridux imorru mieghu u minflok ma jikkopera ma l-appellanti u mas-social workers ghall-gid tal-minuri, huwa aktar jinteressah li jivvendika ruhu mill-appellanti.

Il-fatt li Joseph Cassar huwa motivat minn mibeghda lejn l-appellanti aktar milli mill-imhabba lejn uliedu johrog ukoll mit-tbissima li kellu s-sur Cassar fl- Awla kif appena l-Magistrat sedenti kkundanna lill-appellanti odjerna ghall-piena ta' detenzjoni – fatt tabilhaqq pjetuz.

Illi l-appellanti tishaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza dawn il-fatturi. M'huwiex facli ghall-appellanti li tikkontrolla tifel ta' ghaxar snin li huwa tifel kabbari u b'sahhtu meta dan jirrezisti li jmur ma' missieru b'mod mill-aktar animat u vjolenti – tant li mhux biss huwa disturbat psikologikament izda jsita' wkoll iwegga lilu nnifsu.

B'kull rispett jigi rilevat li t-tfal m'humiex oggett. L-appellanti tifhem u tapprezza li l-prezenza tal-missier hija importanti ghall-izvilupp san tal-minuri, kif tifhem u tapprezza wkoll li galadarba hemm digriet dwar access dan ghandu jigi rispettat. Pero' m'huwiex umanament

possibbli ghaliha li tottempra ruhha ma tali digriet minghajr ma tpoggi f'periklu reali s-sahha fizika u psikologika tal-minuri.

L-appellanti bl-akbar umilta' titlob lil din il-Qorti tipprova tifhem is-sitwazzjoni tabilhaqq pjetuza taghha, minn naha wahda ghandha r-rezistenza fizika w il-hsara emozzjonali u psikologika (u possibilita' ta' hsara fizika) li qeghda ssir lil-minuri meta hi tipprova tehodhom ghall-access (kif konfermat sahansitra mis-social workers ta' l-Agenzija Appogg) u minn naha l-ohra ghandha lil missier il-minuri li minflok ma jipprova jifhem is-sitwazzjoni u jikkopera, jmur jigri jaghmel kwerela kull meta ma jirnexxielux jezercita l-access.

Illi l-isfortuna ta' dan il-kaz huwa li l-appellanti wehlet piena ta' detenzjoni proprju ghaliex jinteressaha l-gid ta' wliedha w mhux ghaliex hija ma ottempratx ruhha mad-digriet in mala fede.

L-isfortuna hija wkoll li l-missier jaf perfettament bid-diffikultajiet li hemm, pero' kif inghad, m'huwiex jikkopera. Wara storja ta' vjolenza versu l-minuri, minflok ma jipprova jerga' jirbah il-fiducja ta' wliedu s-sur Cassar qieghed aktar ibeghedhom minnu bit-tattici vjolenti li ghadu qieghed juza fil-konfront taghhom. Bizzejjed jinghad li ricentement u wara s-sentenza appellata, l- appellanti rnexxielha tiehu lill-minuri gewwa l-ghass tal-Pulizija ta' Haz- Zebbug biex is-sur Cassar ikun jista' jmur ghalihom hemmhekk u jezercita l-access. Meta s-sur Cassar wasal, il-minuri Mikhail irrifjuta li jmur mieghu u minflok ma pprova jikkonvincieh bil-kelma t-tajba, missieru qallu "la ma tridx tigi int se nkaxkrek jien", tant li ntervjenew il-Pulizija u wissew lis-sur Cassar li huwa ma kien ser ikaxkar lil hadd. Dan qieghed jinghad ghaliex din il-Qorti qeghda tigi mitluba, bl-akbar umilta' biex tipprova tifhem is-sitwazzjoni tabilhaqq pjetuza li tinsab fiha l-appellanti, jekk tiehu t-tfal ghall-access tkun qed tesponihom ghal hsara psikologika kbira, w jekk ma tehodhomx tispicca l- habs.

2. Illi l-akkuza fil-konfront ta’ l-appellanti hija li fil-granet de quo hija naqset milli taghti access lil Joseph Cassar ghal uliedhom minghajr raguni xierqa. B’kull rispett, fil-kuntest ta’ dak li effettivament qed jigri ma jistax jinghad li l-appellanti rrifjutat li taghti lil Joseph Cassar l-access ghall-ulied minuri in mala fede jew minghajr raguni xierqa. Fil-kors ta’ dan l-appell gew elenkati fid-dettall ir-ragunijiet kollha l-ghaliex l-appellanti naqset milli taghti l-access u r-ragunijiet huma lkoll ragunijiet xierqa – aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li s-social workers ta’ l-Agenzija Appogg jirrikonoxxu ufficjalment li hemm problema kbira minn naha tal-minuri (mhux minn naha ta’ l-omm) biex jigi ezercitat l-access u addirittura jirrakkomandaw terapija psikoterapewtika b’mod urgenti. Hemm ukoll ix-xenati kbar li jaghmel Mikhail b’riskju kbir li jwegga lilu nnifsu u/jew lil haddiehor kemm il-darba huwa jigi mgieghel imur ghall-access ma’ missieru .

Hawnhekk isir appell lil din il-Qorti biex thares lejn l-aspett uman ta’ din il- kwistjoni. Huwa veru li hemm digriet vigenti u li ghandu jigi rispettat. Pero’ huwa veru wkoll li l-minuri qeghdin jghaddu minn trawma psikologika akuta kull meta jigi biex ikun ezercitat dan l-access. It-tfal m’humiex oggett u l- benessere taghhom hija l-unika motivazzjoni ta’ l-appellanti. L-appellanti ma thossx li ghandha “tkaxkar” lil uliedha, kif ihoss li ghandu jaghmel missierhom, izda thoss li ghandhom jinghataw l-ghajnuna necessarja biex jghelbu d-diffikultajiet psikologici li jinsabu ghaddejjin minnhom. Il-fatt li ommhom tmur il-habs proprju ghaliex ippruvat tipprotegi l-interessi taghhom zgur li mhux ser jghinhom psikologikament. Huwa ghalhekk li l-legislatur ikkwalifika dan ir-reat bil-frazi “minghajr raguni xierqa”, ghaliex minkejja digriet vigenti, jista’ jkun hemm tabilhaqq ragunijiet validissimi l-ghaliex in-nuqqas ta’ access skond tali digriet ma jkunx tali li jikkostitwixxi reat kriminali. Dan huwa evidentement il-kaz fil-kaz odjern. Huwa minnu li hemm digriet vigenti u huwa minnu ukoll li l- appellanti naqset milli taghti l-access skond id-digriet, izda dan in-nuqqas ma kienx minghajr raguni xierqa w kwindi dan in-nuqqas ma jikkostitwixxi r-reat sanzjonabbli bl-artikolu 338(II) tal-

Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant l- appellanti tissottometti umilment li tenut kont ic-cirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-kaz, hija ghandha tigi misjuba mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta.

3. Illi strettament minghajr pregudizzju fhal fuq premess, kif ser jigi trattat waqt is-smiegh ta' dan l-appell, is-sanzjoni mflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva w jezistu numru konsiderevoli ta' cirkostanzi u fatturi li ghandhom jattiraw tibdil fl-istess sanzjoni sabiex din tkun tabilhaqq tirrifletti n-nuqqas jekk tabilhaqq kien hemm xi nuqqas – da parti ta' l-appellanti.

Ikkunsidrat:

Permezz tal-Verbal tas-26 ta' Novembru, 2010 (fol 38), il-partijiet infurmaw il-Qorti illi huma ttrangaw il-pendenzi kollha ta' bejniethom u saret skrittura privata fejn irregolaw ir-relazzjonijiet futuri taghhom. Saret ukoll rinunzja tal-parti civili fejn qed tiddikjara illi m'ghandiex aktar interess f'dawn il-proceduri. Giet esebita l-iskrittura tal-ftehim.

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni bejn l-appellanta u r-ragel taghha kien dwar l-access ta' l-ulied fis-sens illi l-appellanta naqset milli tibghat lit-tfal ghand l-appellant skond il-modalitajiet patwit bejniethom.

Fl-isfond ta' dan l-appellant ghamel diversi rapporti ghand il-Pulizija li minn naha taghhom harku lill-appellanta biex twiegeb ghal dawn l-akkuzi. L-ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja u kkundannata ghal gimgha detenzjoni. Illum is-sitwazzjoni hi illi l-partijiet irrangaw dawn il-vertenzi bejniethom u ghamlu anke skrittura privata. Ovvjament il-Qorti ma tistax tinjora dan l-isvilupp illi sar fil-mori ta' dan l-appell. Il-Qorti tirrileva li l-iskop ta' dawn il-proceduri hu li ssir pressjoni fuq il-parti rikarcitranti biex tonora l-obbligu taghha skond l-istipulazzjonijiet kuntrattwali jew ordnijiet, digrieti jew Sentenza tal-Qorti li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan intlahaq - il-partijiet irrangaw il-pendenzi

bejniethom u ghalhekk hemm lok ta’ temperament fil-piena.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi filwaqt illi tikkonferma s-Sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanta hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghha, thassarha u tirrevokha in kwantu ghall-piena ta’ gimgha detenzjoni u minflok tillibera lill-appellanta Tracy Busuttil taht il-providimenti ta’ l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni illi ma taghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------